# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT

### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 8 TA' FRAR 2002

**Numru 36**
**Avviz numru 395/01DM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha John Cassar sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess John Cassar**

**vs**

**Mario Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija hamsa u ghoxrin liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm325.35) li jinkludu hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) 'excess' imhallas mill-assikurat John Cassar rapprezentanti danni kagunati minnu f'incident awtomobilistiku tat-18 ta' Jannar, 2000 fi G'Mangia, bejn il-vettura numru GAG 537 misjuqa mill-konvenut Mario Buhagiar u l-vettura numru FAE 296 misjuqa minn Michelle Cassar u propjeta tal-assikurat tas-socjeta' attrici John Cassar,

liema incident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez komprizi ghaxar liri u hamsin centezmu (Lm10.50) ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Gunju 2000 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tieghu kontestwalment ma' dan l-Avviz u bl-imghax legali dekorribbli mill-20 ta' Gunju 2000 u cioe' id-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici, lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

U l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tliet mija hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm325.35c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, u prevja d-dikjarazzjoni illi kien il-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni;

In oltre tikkundanna lill-konvenut biex ihallas l-imghax legali dekorribbli mill-20 ta' Gunju 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magistrat

A. Farrugia
Dep.Reg.

Va